KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 95

Il-ħamsa u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | | |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier (daħal 18.22) |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) | | |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.18 b'din l-Agenda:*

*95.1* *Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*95.2* *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*95.3* *Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*95.4* *Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*95.5* *Rapporti;*
95.6 Proġetti ta' car park Triq it-Torri
95.7 *Public Convenience The Strand*
95.8 Villa Schinas – *Proposal for New Council Office*
*95.9* Tindif tat-Toroq
95.10 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*95.11* *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*95.12* *Mozzjonijiet ;*
*95.13* *Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 95.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

95.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera M. Aquilina u L. Cassar Shaw. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 95.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

95.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 94 tas-seduta tal-20 ta' Frar 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

95.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 94. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 94_20/02/2019*

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal għas-seduta 18.22*

## 95.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

95.3.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill jippubblika u r-risposta li kien irċieva mil-AKL u joħroġ stqarrija għall-istampa. *Hamiem*

95.3.2 Is-Sindku informa li s-Segretarju Ezekuttiv qal li irċieva l-kuntratt *draft* tax-xogħol li se jsir fi Triq il-Kbira, fejn il-proġett huwa approvat u se jkun qiegħed jiġi ffinanzjat. Il-Kunsill għad irid jirċieva t-talba *UDF – Triq il-Kbira*

uffiċjali.

95.3.3 Is-Sindku informa li l-Kunsill kiteb lil *Infrastructure Malta* fejn ir-risposta min-naħa tagħhom kienet sentenza waħda li tgħid 'Xogħol temporanju u manutenzjoni jaqa taħt ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali' Is-Segretarju wieġeb lura li l-Kunsill kiteb għaliex il-ħsara hija sttrutturali u mhux ta' manutenzjoni. Kien hemm diskussjoni jekk din il-komunikazzjoni għandiex tiġi ppubblikata. Wara diskussjoni sħiħa, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru Ian Borg, fejn jinfurmawh b'din il-komunikazzjoni u l-Kunsill jitlob laqgħa miegħu minħabba l-istat ta' periklu ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li jikteb ukoll li f'kaz li ma nirċevux risposta, il-Kunsill jippubblika l-komunikazzjoni. *Triq it-Torri*

95.3.4 Il-Kunsill innota li fi Triq Dingli (in-naħa ta' fuq) kellu jsir *up lighter*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntrattur tad-dawl qal li għad hemm l-ilma taħt u dan ma setax jitpoġġa għalissa. Fuq dan il-punt ġie nnotat il-*fault* li hemm fi Triq Bisazza. Il-Kuntrattur tad-dawl kellu jara dan u se jiftaħ it-triq biċċa, biċċa u jara minn fejn ġej il-*fault*. *Triq Dingli (uplighter)*

95.3.5 Is-Sindku informa li ntbagħtet il-lista lil kumpanija FACES ta' fejn il-Kunsill qed jara li hemm bzonn li jitpoġġew il-*bus shelters*. *Bus shelters*

95.3.6 Is-Sindku irrefera għall-punt 94.3.7 dwar it-tindif u qal li din se tkun diskussa aktar tard għax parti mil-agenda. *Tindif*

95.3.7 Is-Sindku irrefera għal punt 94.3.10 dwar il-proposta li l-Kunsill bgħat għal tibdil għal *Traffic Management* fi Triq Santa Rita. Il-Kunsill ġie infurmat li din ġiet approvata mit TM u filfatt ġiet attwata. *Triq Santa Rita*

95.3.8 Dwar il-*claim* li *l-Kunsill* kien irċieva minn residenta ta' kaz li weġgħet b'mod gravi ma' *barrier*. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra bl-avukat lill-kuntrattur responsabbli mil-*barriers*, fejn tingħata *deadline* sa meta jridu jitneħħew dawk vojta u jitneħħew b'tali mod li ma jitħalliex periklu lill-pubbliku. *Barriers*

95.3.9 Il-Kunsill fakkar li waħda mil-*loading/unloading* li hemm fi Triq Tigne trid issir bil-ħinijiet ukoll. *Tigne – loading /unloading*

95.3.10 Dwar il-*magazine*, il-Kunsill informa li kellu tlett kwotazzjonijiet għal *printing* u l-irħas kienet tal-Union Print. *Magazine*

95.3.11 Dwar is-siġar fi Triq Dingli. Kien hemm qbil li kien hemm siġar taz- *Siġar*

zebbuġ li se jkunu qegħdin jingħataw lit-tliet parroċċi u dan diġa ġie miftiehem mal-ELC. Kien hemm qbil ukoll li dawk it-tlett siġar li hemm mejta ix-Xatt (fejn il-Black Gold) jiġu mibdula.

**95.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

95.4.1 Ma kienx hemm aktar punti dwar dan.

**95.5 RAPPORTI**

95.5.1 Gew ipprezentati r-rapporti mil-*contracts manager* dwar Parks and Gardens, gbir ta' skart organiku, manutenzjoni ta' latrini pubbliċi, knis tat-toroq. Kien hemm diskussjoni sħiħa li s-sistema tal-knis mhux qed taħdem għaliex l-ilmenti dwar il-ħmieġ fit-toroq għadhom deħlin, kif ukoll huma vizibbli. Is-Sindku qal li ilu jkollu diversi laqgħat mal-kuntratturi u sfortunatament mhux qiegħed ikun hemm progress. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jiltaqa mal-kuntrattur tal-SRF nhar it-Tnejn 1 t'April 2019. Kien hemm diskussjoni ukoll dwar kif qegħdin jiġu r-rapporti l-ilmenti, u x'azzjoni qegħda tittieħed mil-*contracts manager* u jekk isirx follow up. Il-*contracts manager* jibgħat email lill-kuntrattur konċernat skont l-ilment li jirċevi. Gie nnotat ukoll l-istat tal-lattrini pubbliċi fejn huma fi stat ħazin ħafna. Qed issir vandalizmu kbir. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-kunsill jistax jara l-cameras. Is-Segretarju Ezekuttiv li bħalissa mhux qegħdin jaħdmu. Il-Viċi Sindku qal li din mhux l-ewwel darba li kellna rapport dwar vandalizmu. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn li ssir investigazzjoni mill-pulizija. Il-Viċi Sindku saqsa jekk sarx rapport l-għassa? Is-Segretarju Ezekuttiv informa li sar rapport mil-*contracts manager*. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jsib *sponsor* biex ikun jista jsir *upgrading* tal-lattrini. Is-Sindku qal li huwa rakkomandat kif ġie propost għal dik ta' Ferro Bay, li l-materjal ikun addatat għal sistema ta' ħasil awtomatiku, u li l-materjal ikun addatat u jkun iktar diffiċli biex jinkiser f'kaz ta vandalizmu. *Lattrini Pubbliċi*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.15*

*Is-Seduta ġiet sospiza fit-20.16 u kompliet fit-20.24*

*95.5.2* Is-Sindku informa li Matthew Dimech ta' r-rizenzja tiegħu minn Segretarju Ezekuttiv, ħa l-okkazjoni biex jirringrazzja tas-servizz li ta tul dawn l-aħħar snin. Is-Sindku informa li s-Sur Anthony Attard se *Segretarju Ezekuttiv*

jkun qiegħed jokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv flok is-Sur Dimech.

*Il-Viċi Sindku u l l-Kunsillier D. Muscat ġew skuzati li jitilqu mis-seduta fit-20.54*

95.5.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa mal-kuntratturi tal-SRF għandha ssir fis-6.30pm. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Kunsilliera kollha u s-Sindku talab biex min jista jattendi. *Laqgħa mal-kuntratturi*

95.5.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill għamel *interviews* għal post vakant ta' clerk. Il-Kunsill iltaqa ma' tlett persuni u qiegħed jipproponi lil Roberta Grixti bħala *full timer*. Il-Kunsill qabel ma dan. *Post vakant ta' Clerk*

95.5.5 Il-Kunsill qabel li għandu jinbeda l-proċess għal Segretarju Ezekuttiv qabel l-elezzjoni. *Proċess għal Segretarju Ezekuttiv*

95.5.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar kif il-*contracts manager* mhux qiegħed jirraporta n-nuqqasijiet mil-kuntratturi dwar il-kostruzzjoni. Hu jaqbel li jdur u jara n-nuqqasijiet u mhux imur wara li jkun ġibidlu l-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx ukoll mal-fatt li ma jistax jagħmel kuntatt mal-*contracts manager* dirett, li jrid isir mill-uffiċċju. Il-Kunsill saqsa xi jsir f'ħinijet barra mill-uffiċċju. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li jintbgħatu diversi emails kuljum u l-ilmenti jiġu spezzjonati mil *contracts manager* u l-*contracts manager* jirrispondi skont il-ħtieġa. *Contracts Manager*

95.5.7 Is-Sindku reġa rrefera għan-nuqqasijiet tal-kuntratturi tat-tindif u l-ġbir ta' skart. Is-Sindku jaqbel li jekk il-Kunsill se jiltaqa' mal-kuntratturi nhar it-Tnejn, illum irid jara x'deċizjonijiet konkreti jridu jittieħdu. Kien hemm qbil li tinħareġ *default notice* fuq il-kuntatt tal knis. Kien hemm qbil li niddiskutu wkoll il-proposti tal-*contracts manager* bħal per ezempju għandhom jkollhom *foreman* ukoll. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jġib stima għal *tracking system* biex jintuza għall-kenniesa. Jekk ikun hemm qbil min-naħa tal-kuntratturi, il-Kunsill jara jistax jinqasmux l-ispejjez. *Kuntratturi – Tindif tat-Toroq*

**95.6 PROGETT TA' CAR PARK TRIQ IT-TORRI**

95.6.1 Dan l-item ġie pospost.

**95.7 PUBLIC CONVENIENCE THE STRAND**

95.7.1 Dan l-item ġie pospost.

**95.8 VILLA SCHINAS – PROPOSAL FOR NEW COUNCIL OFFICE**

95.8.1 Dan l-item ġie pospost.

**95.9 TINDIF TAT-TOROQ**

95.9.1 Dan l-item ġie diskuss aktar kmeni.

**95.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

95.10.1 Dan l-item ġie pospost.

**95.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

95.11.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

95.11.2 Gie nnotat li l-pagament numru 49 jinzamm *on hold* sakemm jiġi ċċertifikat mil-contracts manager minħabba d-deskrizzjoni tal-kont.

95.11.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq zewġ pagamenti ta' Karljos li ma kienux inkluzi fl-iskeda, wieħed dwar ix-xogħol li sar fix-Xatt u l-kont ieħor dwar xogħol tal-ilma li sar mill-kuntrattur fi Triq Nicolo Isouard. Kien hemm approvazzjoni għal dawn il-pagamenti.

94.8.7 Il-Kunsillier J. Pillow propona li jiġu approvati l-pagamenti (minbarra nru 49 on hold). Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**95.12 MOZZJONIJIET**

95.12.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**95.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

95.12.1 Is-seduta waqqfet fit-21.46 ta` filgħaxija. Is-seduta ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' April 2019 fis-6pm.

Minuti approvati llum 6 ta' Mejju 2019

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Dep. Segretarju Eżekuttiv** |